Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI**

**ID-DISA' LEĠISLATURA 2024**

**SEDUTA NUMRU 3**

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta nhar it-Tnejn 29 ta'Lulju fil-16.51.

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Jordan Galea Pace | - | Viċi Sindku |
| Rowena Scicluna | - | Kunsillier |
| Mary Anne Abela | - | Kunsillier |
| Miguel Balzan | - | Kunsillier |
| Teresa Valentino | - | Kunsillier |
| Anna Pisani | - | Kunsillier |
| Edgar Rossignaud | - | Kunsillier |
| Lucia Vassallo | - | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti: Clarissa Buhagiar – Segretarju Eżekuttiv

*Din is-Seduta saret b'urġenza fuq talba tas-Sindku. Għal din is-Seduta kien hemm preżenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill fis-17.35 sabiex jiġi spejgat fid-dettal ir- rapport finanzjajru ta' l-ewwel kwart ta' dis-sena.*

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

**3.1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

31.1.1 Il-Minuti tas-Seduti nru: 1 u 2 ġew approvati b'mod unanimu. Il-Kunsillier L.Vassallo pproponiet u l-Kunsillier A.Pisani ssekondat.

**3.2 PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI**

3.2.1 Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi tip ta' rispons minn naħa tar-residenti dwar il-proposta tal-Kunsill lil Gvern Ċentrali wara li l-Kunsill organizza wkol stqarrija għall-istampa fi 22 ta'Lulju. Is-SE infurmat sfortunatament jidher li l-vidjow li itella' fuq il-paġna tal-Kunsill ma ġiex ippublikat mal-ewwel minn naħa tal-META minħabba li dawn infurmaw li ma kiex skont ir-regolamenti tagħhom. Jidher li kien hemm xi persuni li sottomettew l-oġezzjonijiet tagħhom b'mod individawli fuq il-portal tal-PA u dan żgur li se jkun ta' għajnuna kbira għal Kunsill. Is-Sindku nforma li fl-istess ġurnata ta' l-istqarrija, huwa flimkien mal-Kunsillier M.Abela iltaqgħu mas-sid ta' dan il-plot ( BILOM) sabiex jistaquh x'inhi t-talba tiegħu f'każ li l-Gvern Ċentrali japprova din it-talba. Is-Sindku nforma li hemm diversi possibiltajiet li wieħed jista' jikkunsidra pero' dan jista' jiġi deċiż biss minn Project Green. Is-Sindku nforma li fil-jiem li ġejjin se jkun qed jerġa' jiltaqa' ma' CEO ta' din l-entita' sabiex jinfurmawh bi talba tal-BILOM.

3.2.2 Rigward l-instrumenti tal-mużika li hemm installati fil-ġnien ta' Ċentru Ċiviku, is-Sindku nforma li issa jidher li m'għadx jkun hemm ilmenti dwarhom u jidher bi ċar li tkun ħasra kbira jekk dawn jinqalgħu għal dejjem peress li jidher bi ċar li dan kien grupp ta' żgħażagħ li kien qed jiffrenkwenta l-ġnien għal żmien qasir biss. Il-Kunsillier R.Scicluna nfurmat li għalkemm vera li jidher li bħalissa m'hemmx ilmenti kontrihom, dawn vera jistgħu jkunu ta' inkovenjenza kbira għar-residenti tal-madwar. Għaldaqstant, għalissa kien hemm qbil unanimu sabiex dawn jibqgħu nstallati fejn qegħdin.

3.2.3 Is-Sindku nforma li l-Kunsilliera M. Abela u T. Valentino se jkunu qed jżidu ż-żoni tal-Madliena u Victoria Gardens ma' dekasteri tagħhom.

Is-Sindku talab sabiex l-Accountant tal-Kunsill jkun jista' jispjega r-rapport finanzjajru li ġie mibgħut minn qabel lil kull Kunsillier. Il-ħin kien 17.35. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

---

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**3.3 RAPPORT MIS-SINDKU**

3.3.1 Is-Sindku ppreżenta rapport idettaljat tal-ħidma tiegħu ( App. A).

3.3.2 Is-Sindku awgura lil kull Kunsillier iktar ħidma u suċċessi f'din il-leġislatura.

3.3.3 Huwa nforma li nhar l-14 ta' Ġunju ltaqa' mal-Perit Vassallo dwar il-problema ta' ilma maħmuġ li ta' spiss joħroġ mit-trejqa li kienet tagħti għal Triq is-Swieqi.

3.3.4 Is-Sindku nforma li nhar l-20 ta'Ġunju, huwa attenda għal konferenza li ġiet organizzata mill-Eċċellenza tagħha dwar l-istat ta' pajjiżna.

3.3.5 Nhar is-27 ta' Ġunju, is-Sindku nforma li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellu żewġ laqgħat hekk kif indikat hawn taħt:

- Project Green – dwar l-akkwist ta' l-art wara l-Kunsill
- WSC dwar il-pjan ta' ħidma ta' xogħlijiet li se jkunu qed iwettqu fis-Swieqi

3.3.6 Nhar l-4 ta'Lulju, is-Sindku flimkien mal-Perit u s-SE iltaqgħu mal-kuntrattur ta' Triq tal-Ibraġ sabiex nikkjarifikaw is-sitwazzjoni ta' dan il-kuntratt. Il-kuntrattur ikkonferma li hu lest li jibqa' jaħdem bl-istess rati hekk kif kien stipulat fl-offerta' originali tiegħu.

3.3.7 Nhar il-15 ta'Lulju, is-Sindku ltaqa' ma' Sindki ta' San Gwann u San Ġiljan sabiex flimkien jikkolaboraw dwar il-protezzjoni ta' Wied Għomor.

3.3.8 Fi 22 ta'Lulju ġiet organizzata Festa Madliena, huwa rringrazzja lil kull min kien involut fl-organizzazzjoni. Din il-festa saret traddizjonalment marbuta mal-Madliena u dis-sena kienet għal darb oħra ta' suċċess bl-għajnuna ta' Reġjun Lvant. Il-Kunsillier M. Abela rringrazzjat lil kull min għen biex din tkun tista' titella' b'suċċess.

3.3.9 Rigward il-problema ta' siġar li qed jagħmlu ħsara fuq il-Ġnien ta' MCC, is-Sindku ltaqa' mal-Perit tal-Kunsill kif ukoll mas-Sur Scifo sabiex jiġi ppreperat rapport idettaljat u jiġi ppreżentat lil ERA.

3.3.10 Rigward Triq ix-Xiber, is-Sindku nforma li qed ikollu diversi lmenti li f'din it-triq hemm bżonn li jsir xi tibdil ta' l-immaniġjar ta' traffiku peress li qed tintuża ta' spiss anke minn vetturi kbar. Din it-triq hija wkoll parti mir-rotta ta' transport pubbliku. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li niltaqgħu mas'-Sur Debono fuq is-sit sabiex jkun jista' jiggwidana.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**3.3 RAPPORT MIS-SINDKU**

3.3.11 Is-Sindku rringrazzja lis- Sur P. Fenech tal-kontribut siewi tiegħu fi ħdan dan il-Kunsill kif ukoll lil Sur Alex Chetcuti u u Sur Matthew Bonello li dejjem kienu ta' sapport u ħadmu bi sħiħ għal ġid ta' din il-lokalita'.

3.3.12 Huwa ssuġerixxa sabiex issir kuntatt mal-LANDS sabiex jiġi ddentifikat min huma s-sidien tal-plot li hemm fi Triq il-Miżura km Triq il-Kartoċċ. Din il-plot ilha abbandunata għal żmien twil u jekk kemm-il darba din hija propjeta' tal-Gvern, jkun tajjeb li l-Kunsill jakkwista din l-art. Is-SE infurmat li se tkun qed tagħmel kuntatt ma' LANDS.

3.3.13 Rigward il-possibilta' li terġa' tinfetaħ l-Għassa tal-Pulizija, is-Sindku nforma li huwa ta' l-opinjoni li din għandha terġa' tibda' tinfetaħ bħala għassa. Bħalissa fil-lokalita' hawn kriżi kbira ta' storbju eċċessiv, skart maħruġ mhux skont l-iskeda u vandaliżmu. Hu nforma li se jkun qed jikteb lil Kummissarju tal-Pulizija.

3.3.14 Is-Sindku nforma li x-xogħlijiet fi Triq il-Miżura huma ffinalizzati kollha u għaldaqstant it-tibdil ta' l-immaniġjar ta' traffiku li sar b'mod temporanju se jitneħħa kompletament u se jerġa' jsir kollox kif kien. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3.3.15 B'referenza għax-xogħlijiet li kienu mistennija jibdew minn IM, is-Sindku nforma li sfortunatament sa issa f'din is-sena, IM għadha ma provditx il-pjan tal-ħidma proposta minkejja li iktar kmieni dis-sena iltqajna' wkoll mas-Sa. E. Fenech. Fir-rapport tiegħu hemm indikat it-toroq kollha li kienu proposti mill-Kunsill.

3.3.16 Rigward il-kwitsjoni ta' riċerki tal-passaġġ sabiex il-Kunsill jiffinalizza PC67, is-Sindku nforma li se tkun qed issir laqgħa mal-PA kif ukoll ma' IM.

3.3.17 Is-Sindku staqsa lil Kunsillier M.Balzan jekk kienx hemm xi żvilluppi dwar il-By-Law ta' l-inxir tal-ħwejjeġ barra. Il-Kunsillier M. Balzan informa li se jkun qed jaħdem fuqha flimkien ma' l-Avukat tal-Kunsill.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**3.4 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA**

Mill-Kunsillierr T.Valentino

3.4.1 Il-Kunsillier T.Valentino infurmat li bdiet titqassam nota lil kull residenza fis-Swieqi/Madliena dwar in-nominazzjonijiet ta' Ġieħ is-Swieqi. Hija ħeġġet kemm lil pubbliku inġenerali kif ukoll lil kull Kunsillier biex jipparteċipar u jinnomina lil xi persuni distinti li jaħsbu li kienu ta' ġid għal lokalita' tagħna.

Mill-Kunsillier R. Scicluna

3.4.2 Hija reġgħet fakkret dwar l-allokazzjoni ta' *bin* fi Triq il-Keffa ma' Triq S.Cannataci. Il-Kunsillier infurmat li ta' spiss qed tirċievi lmenti dwaru u hija temmen li jekk kemm-il darba hemm probabilta' li dan jista' jiċaqlaq, tajjeb li wieħed jipprova jagħmel dawn it-tibdiliet. Is-Sindku nforma li rikjesti simili nirċievu ta' spiss u li żgur ma jistax jkun li nippermettu li naqilgħu kull *bin* li jdejjaq lil xi ħadd għax fil-lokalita' iktar bins għandna bżonn mhux inqas.

Mill-Viċi Sindku

3.4.3 Huwa staqsa jekk għad xi darba kien hemm xi lmenti dwar ħmieġ tal-ħamiem fil-lokalita' tagħna. Is-Sindku nforma li kien hemm xi lment simili xi snin ilu imma m'huwiex ilmenti komuni u jrid jiġi stabilit jekk dan il-ħamimx hux selvaġġ jew jitrabba minn xi ġirien.

3.4.4 Il-Viċi Sindku staqsa jekk hemmx xi pjanijiet li jiġu nstallati iktar EV charging pillars fil-lokalita'. Is- SE infurmat li għaddiet lista tal-postijiet proposti fejn dawn jistgħu jiġu nstallati u talbet jekk il-Kunsill hux se jkun qed japprovaw dawn il-postijiet peress li ċertu spazji tal-parkeġġ ħa jkunu allokati biss għal dan l-għan. Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti.

Mill-Kunsillier M. Abela

3.4.5 Il-Kunsillier staqsiet jekk kienx hemm xi żvilluppi minn naħa tas-Sur Bjorn Vassallo dwar l-istudju ta' traffiku fi Triq Sant Andrija km Triq il-Qasam. Is-SE infurmat li minkejja diversi reminders permezz ta' telefonati, imejls u messaġġi bqajna bla ebda tip ta' risposta.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**3.5 APPROVAAZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEĦOR**

3.5.4 L-iskeda tal-pagamenti nru 1 li ġiet mibgħuta minn qabel lil kull Kunsillier, ġiet approvata minn dawk preżenti. Il-Kunsillier R.Sciclna pproponiet u l-Kunsillier M. Balzan ssekonda.

Din is-seduta spiċċat fit-20.30 u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tkun kontinwazzjoni u tkun skedata għal nhar id-19 t' Awwissu fl-16.30.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv